**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 30 ta' April 2014**

**Appell Nru. 201/2012**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carmel Zammit, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 466958M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Ħaż-Zebbuġ, fl-Armier u l-Għadira limiti tal-Mellieħa u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fis-sena 2003 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

(1) b'egħmil żieni kkorrompa diversi minuri fosthom Stephanie Grech, Christianne Gafa`, Jennifer Cilia, Jenilee Agius, Melissa Agius u Pamela Aitchinson, liema minuri ġew fdati lilu, imqar jekk għal xi żmien, sabiex jieħu ħsiebhom, jedukahom, jgħallimhom, jindukrahom jew iżommhom u liema minuri kienu għadhom m'għalqux l-eta` ta' tnax-il sena;

(2) ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess minuri fuq imsemmija;

(3) offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost għall-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' April 2012 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Zammit ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li xi wħud mill-vittmi ħafrulu, u wara li rat l-artikoli 18, 203(1)(a), 207 u 209 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għal piena ta' sitt (6) snin priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Zammit ippreżentat fl-24 ta' April 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu ħati tar-reati addebitati lilu, tvarja dak li jikkonċerna l-piena billi tirriduċi l-istess u tapplika piena aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva. Fir-rikors tiegħu jgħid:

> "Illi in effetti għandu jingħad li kieku mhux għax ingħata l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (reat kontinwat) kieku l-piena massima kienet tkun ta' sitt (6) snin priġunerija.
>
> "Illi mbagħad minħabba f'dan l-artikolu l-piena setgħet titla' minn grad għal tnejn.
>
> "Illi minn dan kollu jirriżulta għalhekk li *stricto jure* l-appellant ingħata piena tista` tgħid fil-massima tagħha.
>
> "Illi mingħajr ma jimminimiżża mill-gravita` tar-reati addebitati fiċ-ċirkostanzi l-appellant iħoss li l-piena kienet waħda eċċessiva. Dan qed jingħad anke fl-isfond tal-fatt li informalment ġiet suġġerita piena lill-istess ġudikant ta' erba` snin u nofs priġunerija u dawn bi qbil bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni.
>
> "Illi l-Qorti riedet tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li għal xi raġuni inspjegabbli l-addebitati reati damu s-snin ma ġew irrapportati mill- [*recte:* lill-]Pulizija Eżekuttiva u li dawn id-delitti ġew kommessi żmien twil ilu.
>
> "Illi inoltre il-Qorti setgħet tikkonsidra wkoll il-fedina relattivament tajba tal-appellant."

**6.** Issa, in materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma

tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

**7.** Din il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni – bħalma għamlet l-ewwel Qorti – il-maħfra, sa fejn applikabbli, ta' uħud mill-vittmi, issib illi l-piena nflitta effettivament hi fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hi ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi, u allura jekk tiżdied b'żewġ gradi l-piena massima hi dik ta' tnax-il sena priġunerija. Ma' din il-piena mbagħad irid jiżdied minn terz sa nofs il-piena dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Għalhekk il-piena nflitta fuq l-appellant żgur mhijiex fil-massimu possibbli.

**8.** L-appellant jilmenta mill-fatt illi ġiet "suġġerita" piena ta' erba' snin u nofs priġunerija bi qbil bejn id-difiża u l-prosekuzzjoni u din il-piena ma ntlaqgħetx mill-ewwel Qorti. Waqt sottomissjonijiet orali, l-uffiċjal prosekutur qalet li għamlet verifiki ma' l-uffiċjal prosekutur u din ċaħdet bil-qawwa li kien hemm tali qbil. Hu x'inhu l-każ, ġaladarba dan kien biss "suġġeriment", żgur hu li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu li taderixxi ma' dak is-"suġġeriment". Imbagħad il-kunċett ta' patteġġjament iddaħħal għall-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-liġi penali tagħna bl-artikolu ġdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002 sabiex qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux ħati jew mhux ħati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkużat u l-Avukat Ġenerali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-każ ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew miżura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. L-artikolu 392A(5) ġdid imbagħad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija hux ħati jew mhux ħati, pero` f'dan il-każ irid jidher l-Avukat Ġenerali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Ġenerali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milħuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun biżżejjed għal dan il-għan. Evidentement dawn il-proċeduri huma applikabbli unikament fejn ikun hemm il-ħsieb li tiġi reġistrata ammissjoni. Dan mhuwiex il-każ fil-proċeduri odjerni.

**9.** Kwantu għall-fatt li d-delitti ma ġewx rapportati *a tempo vergine*, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi kollha, ikollha tistqarr li ma sabet xejn insolitu fil-fatt illi

---

[1] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

l-vittmi – kollha bniet minorenni ta' eta` pjuttost tenera – ma nfurmawx b'dak li kien għaddej lill-ġenituri tagħhom. U kienet biss koinċidenza illi waħda mill-bniet tkellmet mal-mama` tagħha u b'hekk saru magħrufa l-inċidenti kollha u l-vittmi kollha. Hija kważi n-norma fil-fatt illi dawn it-tipi ta' delitti jibqgħu misturin għal żmien twil.

**10.** Imbagħad il-fatt illi d-delitti addebitati lill-appellant ġew kommessi diversi snin ilu ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali ta' l-appellant.

**11.** Kwantu għall-fedina penali ta' l-appellant, għalkemm – almenu *prima facie* – ma jirriżultawx delitti ta' l-istess ġeneru, jirriżultaw sensiela ta' reati li juru li tul is-snin ma qagħadx 'il bogħod mill-ksur tal-liġi.

**12.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.